MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 343/2006

**Mary Rose Callus**

**Vs**

**Andrew Scicluna**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat mill-attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti hsarat li l-konvenut ikkawza fil-fond tal-attur, liema fond jinsab f'numru 99, 'Roslaw', Triq Ignazio Saverio Mifsud, B'Kara. Il-hsarat saru permezz ta' xoghlijiet strutturali li qed jaghmel il-konvenut fil-proprjeta tieghu.

Ghal fini ta' kompetenza, qed jigi dikjarat li dawn il-hsarat ma jeccedux is-somma ta' hamest elef lira maltin.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut kif pprezentata fl-atti nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru 2007 fejn espona s-segwenti:-

1. Illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur ghaliex ix-xoghlijiet li allegatament ikkagunaw hsarat fil-proprjeta ta' l-attrici, ma sarux mill-konvenut imma mis-socjeta White Power Company Limited li hija wkoll is-sid tal-fond fejn saru l-istess xoghlijiet. Ghaldaqstant, il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi din l-azzjoni hija ntempestiva ghaliex is-socjeta White Power Company Limited qatt ma rrifjutat illi ssewwi dawk il-hsarat li setghu saru fil-proprjeta tal-attrici bhala rizultat tax-xoghlijiet strutturali li ghamlet fil-proprjeta taghha;

3. Illi din il-Qorti mhiex kompetenti *ratione valoris* sabiex tisma dan il-kaz stante li l-valur tal-hsarat li setghet ikkagunat is-socjeta White Power Company Limited fil-fond tal-attrici, ma jeccedux l-elf u hames mitt lira maltin;

4. Illi l-procedura biex il-konvenut jigi notifikat bl-affissjoni, saret inutilment ghaliex l-attrici kienet taf illi l-indirizz tal-konvenut huwa dak fejn eventwalment gie notifikat u mhux fil-binja fejn sar ix-xoghol ta' kosturzzjoni;

5. Illi ghalhekk it-talbiet ta' l-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt w ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet lil **Enrico Callus** jixhed nhar l-ghoxrin (20) ta' Frar 2008 u qal illi l-konvenut bena appogg mieghu. Jghid li huwa jghix fir-residenza 'Oslo', Ignazio Saverio Street, B'Kara. Ikkonferma li huwa kien imur kuljum jara ix-xoghlijiet li kienu qed isiru. Jghid li l-hsarat li garab kienu konsistenti f'konsenturi mal-hitan kollha u minnhom kien jidhol l-ilma u bhala konsegwenza gieli inqata' d-dawl. Huwa esebixxa sett ta' ritratti li gew immarkati

komplessivament bhala Dok. NV. Jghid li qabel ma Scicluna beda x-xoghol, hsarat ma kellux. Ippreciza li l-hsara bdiet meta l-konvenut beda jqatta bit-Tower Crane.

Jghid li darba minnhom mar ikellmu u dan qallu li kien lest li jghamel tajjeb ghal hsarat, izda ma sema' xejn aktar minghandu. Sussegwentement ghalhekk, qabbad il-Perit tieghu li rrediga rapport fuq dak li kien sab. Huwa esebixxa kopja tal-korrispondenza li ghaddiet tramite l-avukati rispettivi taghhom, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. NV 1.

Illi nhar l-ghoxrin (20) ta' Frar 2008 xehdet **Ruth Callus** u stqarret li hija tghix fir-residenza fuq imsemmija 'Oslo', Ignazio Saverio Street, B'Kara. Qalet li taf lill-konvenut ricentement kien qed ighamel xi xoghlijiet fi proprjeta appogg maghhom u spjegat li meta beda bit-tqattiegh, hija bdiet issofri d-danni konsistenti f'tigrib fil-hitan kollha tal-appogg li ghandha mieghu.

Meta giet murija r-ritratti esebiti fl-atti, hija kkonfermat li dawn jindikaw il-hsarat li ghandha fil-proprjeta taghha. Ikkonfermat li qabel ma l-konvenut beda bix-xoghol tieghu, hsarat fil-proprjeta taghha ma kienx hemm. Fil-fehma taghha jehtieg spiza ta' circa hamest elef lira maltin (LM5,000) sabiex tissewwa l-hsara li giet kagunata.

**Perit Alan Saliba** xehed fl-istess jum tal-ghoxrin (20) ta' Frar 2008 fejn qal illi huwa kien gie nkarigat mill-attrici sabiex jispezjona l-proprjeta taghha kif fuq imsemmija. Jghid li effettivament kien ghamel xi erba' spezzjonijiet. Jghid li l-konvenut imiss maghha kemm mill-genb kif ukoll minn wara.

Jghid illi huwa ghamel access fl-ghaxra (10) ta' Gunju 2005 u fil-fatt esebixxa ir-rapport tieghu fil-konfront ta' dan l-access mizmum minnu. Dan ir-rapport gie mmarkat bhala Dok. CSH. Jghid li fit-tlieta (3) ta' Dicembru 2005 zamm access iehor u jghid li dakinhar innota li kien sar sahansitra anke xi skavar u kien hemm diversi hsarat fil-proprjeta tal-attrici, liema tieni rapport gie mmarkat bhala Dok CSH 1. Jghid li fit-tielet access li zamm nhar l-hamsa

(5) t’Ottubru 2006, innota li l-hsarat baqghu jizdiedu u dan kif jidher mir-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. CSH 2. Finalment nhar it-tlieta w ghoxrin (23) t’Ottubru 2006, rega’ mar fuq il-post u dan ghaliex il-post tal-konvenut kien lest. Jghid li dakinhar il-hsarat reġghu zdiedu w ivvaluta l-hsara ghas-somma ta’ elf u hames mitt lira maltin (LM1,500). Dan ir-raba dokument gie mmarkat bhala Dok. CSH 3.

Rat id-digriet taghha tal-ghaxra (10) ta’ Gunju 2008 fejn innominat lil-Perit Mario Cassar biex jaccedi fuq il-post u wara li jiehu konjizzjoni tar-rapporti rilaxxjati mill-Perit Alan Saliba u mill-Perit Emanuel Agius, jirrelata dwar il-valur tal-hsarat involuta.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta’ Novembru 2008 deher il-**Perit Mario Cassar** li ipprezenta u halef ir-rapport tieghu. Jirrizulta minn ezami ta’ dan ir-rapport, li l-hsarat elenkati fir-rapport tieghu, huma tipici ta’ hsarat kkagunati mit-tip ta’ xoghol ta’ skavar u tqattiegh ta’ blat u twaqqiegh ta’ proprjeta adjacenti ghal fond mertu tal-kawza. Jghid li x-xoghol riparatorju jikkonsisti principalment f’illi jinfethu l-kunsenturi u jigu stukkjati bi *trawable expandabale grout.* Huwa spjega fid-dettat x’kellu jsir sabiex il-hsara tissewwa. Fil-fehma tieghu, l-valur tax-xoghol jammonta ghal tlett elef u hames mitt euro (€3,500) u dan jinkludi il-VAT.

Illi nhar l-erbgha (4) ta’ Frar 2009 deher Dottor Gauci Maistre ghall-konvenut w iddikjara li l-patrocinat tieghu kien lest li jibda jsewwi l-hsarat a spejjez tieghu u dan taht id-direzzjoni tal-perit nominat mll-Qorti.

Illi nhar is-sbatax (17) ta’ Frar 2009 l-istess Dottor Gauci Maistre deher flimkien mal-patrocinat tieghu w ammetta t-talbiet attrici, fid-dawl tar-rapport tal-AIC Mario Cassar.

Ikkunsidrat:

**Illi ‘n vista tal-ammissjoni tal-konvenut, il-Qorti qieghda tilqa t-talbiet attrici b’dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elef u hames mitt euro (€3,500) rapprezentanti l-valur tal-**

**hsara li giet likwidata mill-perit tal-Qorti AIC Mario Cassar fir-rapport tieghu.**
**L-ispejjez u l-imghaxx skond il-ligi jithallsu mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------